# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/153/PESK

## tal-20 ta' Marzu 2014

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK ([1]).

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, il-miżuri restrittivi li jinsabu f'dik id-Deċżjoni għandhom jiġġeddu sat-22 ta' Marzu 2015.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Marzu 2015.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. KOURKOULAS

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).